

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

# L 37



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

18 ta' Frar 2022

Werrej

### I Atti leġiżlattivi

#### DIRETTIVI

- ★ **Direttiva (UE) 2022/211 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali** ..... 1

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/212 tas-17 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja** ..... 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/213 tat-8 ta' Frar 2022 dwar il-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Salaisons fumées, marque nationale Grand-Duché de Luxembourg" (IĠP)** ..... 14
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/214 tas-17 ta' Frar 2022 li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard jew l-irtirar tiegħu, ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat <sup>(1)</sup>** ..... 16
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/215 tas-17 ta' Frar 2022 li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u l-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa <sup>(1)</sup>** .... 28

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Att b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

## DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/216 tal-15 ta' Frar 2022 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja (notifikata bid-dokument C(2022) 865) .....** 34
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/217 tal-15 ta' Frar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 (ATALANTA/3/2022) ....** 39
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/218 tas-17 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja .....** 41
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/219 tal-11 ta' Frar 2022 li tistabbilixxi regoli ta' proċedura għar-rieżami, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, tal-legalità ta' atti ta' aġenziji eżekuttivi li jagħmlu ħsara lil parti terza u li jkunu ġew riferuti lill-Kummissjoni minn kwalunkwe persuna kkonċernata direttament jew individwalment .....** 46
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/220 tal-15 ta' Frar 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, dwar l-adozzjoni ta' Arranġament ta' Ħidma rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-aċċidenti u l-inċidenti fl-avjazzjoni ċivili, u li taħtar president tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt .....** 52
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/221 tas-16 ta' Frar 2022 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa mġarrba mir-Renju Unit fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (notifikata bid-dokument C(2022) 798) .....** 60
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/222 tas-16 ta' Frar 2022 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (notifikat bid-dokument C(2022) 830) .....** 63
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/223 tas-16 ta' Frar 2022 li tadotta l-ħmistax-il aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Alpi (notifikata bid-dokument C(2022) 845) .....** 79
- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/224 tas-16 ta' Frar 2022 li tadotta t-tlettax-il aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Pannonjan (notifikat bid-dokument C(2022) 871) .....** 157

## I

(Atti leġiżlattivi)

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2022/211 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Frar 2022

**li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA, fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 62(6) tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina atti legali adottati mill-Unjoni, minbarra dik id-Direttiva, li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva. Il-fini ta' dak ir-rieżami huwa li tiġi evalwata l-ħtieġa li tallinja dawk l-atti legali ma' dik id-Direttiva u tagħmel, fejn adatt, il-proposti meħtieġa sabiex temendhom sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-data personali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Dak ir-rieżami wassal għall-identifikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA <sup>(3)</sup> bħala waħda mill-atti legali li għandhom jiġu emendati.
- (2) L-ipproċessar ta' data personali skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA, u skont il-liġijiet nazzjonali adottati biex tiġi implimentata dik id-Deċiżjoni Kwadru, jinvolti l-ipproċessar, l-iskambju u l-użu sussegwenti ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fl-interess tal-konsistenza u l-protezzjoni effettiva tad-data personali, jenħtieġ li l-ipproċessar tad-data personali skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li jkun possibbli għad-data personali li tinsab f'informazzjoni miksuba legalment minn tim ta' investigazzjoni konġunta li tiġi pproċessata għal finijiet differenti minn dawk li għalihom kien twaqqaf it-tim, bħal proċeduri kriminali sussegwenti jew proċeduri amministrattivi jew ċivili jew skrutinju parlamentari relatati, biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680. Tali proċessar ta' data personali jenħtieġ li jitwettaq biss f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680, inkluż li jitwettaq f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u li jkun meħtieġ u proporzjonat għall-iskop tiegħu.

<sup>(1)</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2022.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/465/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti (ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1).

- (3) F'konformità mal-Artikolu 6a tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 2a tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) u ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Marzu 2021.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA tiġi emendata skont dan.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

### Emenda għad-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA

Fl-Artikolu 1(10) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/465/JHA, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Sa fejn l-informazzjoni użata għall-finijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d) tinkludi data personali, din għandha tiġi pproċessata biss f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 9(1) u (3) tagħha.

(\*) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).”.

#### Artikolu 2

### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-11 ta' Marzu 2023. Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 3

### Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*Artikolu 4***Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburg, is-16 ta' Frar 2022.

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*  
R. METSOLA

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
C. BEAUNE

---

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/212

tas-17 ta' Frar 2022

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 <sup>(2)</sup> jipprevedi, fost oħrajn, l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjeta' ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom ikunu serjament jipperikolaw id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarusja jew li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh, jew persuni, entitajiet jew korpi li qed jorganizzaw, jew jikkontribwixxu għal, attivitajiet mir-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni jew it-trasferiment ta' merkanzija projbita u t-trasferiment illegali ta' merkanzija soġġetta għal restrizzjonijiet, inkluż merkanzija perikoluża, fit-territorju ta' Stat Membru.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (3) Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1031 <sup>(3)</sup>, li introduċiet miżuri restrittivi ekonomiċi immirati ulterjuri, kif ukoll ir-Regolament (UE) 2021/1030 <sup>(4)</sup>, li emenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006. Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1031 u r-Regolament (UE) 2021/1030 jistabbilixxu restrizzjonijiet settorjali speċifiċi.
- (4) Fis-17 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/218 <sup>(5)</sup>, li tintroduċi ċerti emendi sabiex jiġu żgurati l-effikaċja u l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri. Dawk l-emendi jeħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod korrett u uniformi fl-Unjoni kollha.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

<sup>(1)</sup> ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorusja (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1031 tal-24 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja (ĠU L 224 I, 24.6.2021, p. 15).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1030 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarusja (ĠU L 224 I, 24.6.2021, p. 1).

<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/218 tas-17 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja (ara l-paġna 41 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja”;

(2) fl-Artikolu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“13. ‘servizzi ta’ senserija’ tfisser:

- (i) in-negozjar jew l-arranġament ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, għall-bejgħ jew għall-provvista ta' oġġetti u teknoloġija jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż minn pajjiż terz lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor; jew
- (ii) il-bejgħ jew ix-xiri ta' oġġetti u teknoloġija, jew ta' servizzi finanzjarji u tekniċi, inkluż fejn jinsabu f'pajjiżi terzi għat-trasferiment tagħhom lejn pajjiż terz ieħor;

14. ‘korporazzjoni pubblika’ tfisser impriża, għajr istituzzjoni ta' kreditu, stabbilita fil-Belarusja bi sjieda pubblika ta' aktar minn 50 % jew li tkun taħt kontroll pubbliku b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2021;

15. ‘pretensjoni’ tfisser kwalunkwe pretensjoni, kemm jekk asserita permezz ta' proċedimenti legali kif ukoll jekk le, magħmula qabel, fi jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom, u b'mod partikolari tinkludi:

- (i) pretensjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew tranżazzjoni, jew b'rabta magħhom;
- (ii) pretensjoni għall-estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja jew indennizz fi kwalunkwe forma;
- (iii) pretensjoni għal kumpens fir-rigward ta' kuntratt jew tranżazzjoni;
- (iv) kontropretensjoni;
- (v) pretensjoni għar-rikonoxximent jew għall-eżekuzzjoni, inkluż permezz tal-proċedura ta' exequatur, ta' sentenza, ta' deċiżjoni arbitrali jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn ikunu saru jew ingħataw;

16. ‘kuntratt jew tranżazzjoni’ tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' liema forma hi u tkun xi tkun il-liġi applikabbli, sew jekk tikkonsisti minn kuntratt wieħed jew aktar jew obbligi simili magħmula bejn l-istess partijiet jew partijiet differenti; għal dan l-iskop, “kuntratt” jinkludi bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, u kreditu, kemm jekk legalment indipendenti jew le, kif ukoll kull dispożizzjoni relatata li ssir skont it-tranżazzjoni jew b'konnessjoni magħha”;

(3) fl-Artikolu 1e, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“3. Għandu jkunu pprojbit:

- (a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' prodotti u teknoloġija b'użu doppju, jew relatati mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali prodotti jew teknoloġija, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarusja jew għall-użu fil-Belarusja, jekk il-prodotti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal użu militari jew għal utent aħħari militari;
- (b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' prodotti u teknoloġija b'użu doppju, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali prodotti, jew għal kwalunkwe forniment ta' għajjnuna teknika relatata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarusja jew għall-użu fil-Belarusja, jekk il-prodotti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal użu militari jew għal utent aħħari militari.

4. Il-projbbizzjonijiet fil-paragrafu 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2021, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.”;

- (4) fl-Artikolu 1f, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2021, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal esportazzjonijiet, bejgħ, provvisti jew trasferimenti ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew il-forniment relatat ta' assistenza teknika jew finanzjarja, għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili eżistenti.”;

- (5) fl-Artikolu 1g, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Anness VI għandu jinkludi oġġetti użati għall-produzzjoni jew għall-manifattura ta' prodotti tat-tabakk.”;

- (6) fl-Artikolu 1h, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) l-importazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' prodotti petrolifiċi u tal-idrokarbur gassuż kif elenkati fl-Anness VII jekk dawn:

- (i) joriġinaw fil-Belarusja; jew  
(ii) ikunu ġew esportati mill-Belarusja;

- (b) ix-xiri, dirett jew indirett, ta' prodotti petrolifiċi u tal-idrokarbur gassuż kif elenkati fl-Anness VII li jinsabu fil-Belarusja jew li joriġinaw fiha;

- (c) it-trasport ta' prodotti petrolifiċi u tal-idrokarbur gassuż kif elenkati fl-Anness VII jekk dawn ikunu joriġinaw fil-Belarusja jew ikunu qed jiġu esportati mill-Belarusja lejn kwalunkwe pajjiż ieħor.

- (d) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet fil-punti (a), (b) u (c).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għax-xiri fil-Belarusja ta' prodotti petrolifiċi u tal-idrokarbur gassuż kif elenkati fl-Anness VII li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fil-Belarusja jew ta' proġetti umanitarji fil-Belarusja.”;

- (7) fl-Artikolu 1h, jiddied il-paragrafu li ġej:

“4. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' tranżitu mill-Belarusja ta' prodotti petrolifiċi u tal-idrokarbur gassuż kif elenkati fl-Anness VII li joriġinaw f'pajjiż terz.”;

- (8) fl-Artikolu 1i, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2021, u kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-kuntratti jinkludu kuntratti qafas legalment vinkolanti li jinkludu data ta' tmiem u li jipprevedu aġġustamenti tal-prezz u l-volumi abbażi ta' kundizzjonijiet li jkun intlaħaq qbil dwarhom qabel il-25 ta' Ġunju 2021.

Dan il-paragrafu ma japplika għal ebda tip ta' qbil li ma jinkludix impenji vinkolanti bejn il-partijiet.”;

- (9) fl-Artikolu 1j, il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(a) ir-Repubblika tal-Belarusja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;

(b) istituzzjoni ta' kreditu prinċipali stabbilita fil-Belarusja bi sjieda pubblika ta' aktar minn 50 %, jew taħt kontroll pubbliku, b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2021, kif elenkat fl-Anness IX;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom ikunu, direttament jew indirettament, proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan l-Artikolu; jew

(d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu fisem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan l-Artikolu.”;

- (10) fl-Artikolu 1k(1), il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(a) ir-Repubblika tal-Belarusja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;



- (b) istituzzjoni ewlenija ta' kreditu stabbilita fil-Belarussja bi sjieda pubblika ta' aktar minn 50 %, jew taħt kontroll pubbliku, b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2021, kif elenkat fl-Anness IX;
- (c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra l-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet propjetarji tagħhom ikunu direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu; jew
- (d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.”;

(11) fl-Artikolu 11, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) ir-Repubblika tal-Belarussja, il-Gvern tagħha, il-korpi, korporazzjonijiet jew aġenziji pubbliċi tagħha; jew”;

(12) L-Artikolu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### “Artikolu 2a

L-azzjonijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fuqhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.”;

(13) fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) maħsuba esklussivament għal:

- (i) skopijiet umanitarji, inkluż l-operat ta' titjiriet għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;
- (ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali;
- (iii) l-operat ta' titjiriet meħtieġa biex wieħed jattendi laqgħat bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarussja jew biex jiġu promossi l-oġettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi; jew
- (iv) f'każ ta' emerġenza, inżul, tluġh jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE”;

(14) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

#### “Artikolu 3a

1. B'deroga mill-Artikolu 2(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fl-Artikolu 2 ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

#### “Artikolu 8d

1. Ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kull forma, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

- (a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati, elenkati fl-Anness I;
- (b) l-entitajiet imsemmija fl-Artikoli 1j, 1k, 1 l jew dawk elenkati fl-Annessi V u IX;
- (c) kull persuna, entità jew korp Belarussu ieħor, inkluż il-Gvern tal-Belarussja;
- (d) kull persuna, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu jew f'isimhom.

2. F'kull proċediment għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat li l-issodisfar tal-pretensjoni mhuwiex ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun tal-persuna li tkun qed titlob l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal sħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali f'konformità ma' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 8e

1. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) għandhom jipproċessaw id-*data* personali li hija meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Dawk il-kompiti jinkludu:

- (a) fir-rigward tal-Kunsill, it-tħejjija u l-emendar tal-Anness I;
- (b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, it-tħejjija tal-emendi għall-Anness I;
- (c) fir-rigward tal-Kummissjoni:
  - (i) l-inklużjoni tal-kontenut tal-Anness I fil-lista kkonsolidata elettronika, tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u fil-mappa interattiva dwar is-sanzjonijiet, li t-tnejn huma aċċessibbli għall-pubbliku;
  - (ii) l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, bħall-valur tal-fondi ffriżati u informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti.

2. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni kriminali ta' tali persuni jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn tali pproċessar ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-Anness I.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala 'kontrollur' skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).;

(15) L-Anness IV huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(16) L-Anness VII huwa emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(17) L-Anness VIII huwa emendat kif stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(18) L-Anness IX huwa emendat kif stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J.-Y. LE DRIAN

---

## ANNEX I

Fl-Anness IV, "Software ta' intrużjoni" tinbidel b'dan li ġej:

"Sistemi, taġħmir, u komponenti taġħhom, iddisinjati jew modifikati apposta għall-ġenerazzjoni, il-kmand u l-kontroll, jew il-konsenja tas-"software ta' intrużjoni" kif definit fir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*)

---

(\*) Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1). "

*ANNEX II*

Fl-Anness VII, it-titolu jġi sostitwit b'dan li ġej:

**"LISTA TA' PRODOTTI PETROLIFIĊI U TA' IDROKARBUR GASSUŻ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1h".**

---

## ANNEX III

L-Anness VIII jiġi sostitwit b'dan li ġej:

## "ANNEX VIII

L-isem tal-oġġett	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) <sup>(1)</sup>
Klorur tal-potassju b'kontenut ta' potassju evalwat b'hal K <sub>2</sub> O, skont il-piż, li ma jaqbiżx l-40 % tal-prodott xott anidru	3104 20 10
Klorur tal-potassju b'kontenut ta' potassju evalwat b'hal K <sub>2</sub> O, skont il-piż, li jaqbeż it-62 % tal-prodott xott anidru *	3104 20 90
Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom it-tliet elementi fertilizzanti nitroġenu, fosforu u potassju	3105 20 10 3105 20 90
Fertilizzanti minerali jew kimiċi li fihom iż-żewġ elementi fertilizzanti fosforu u potassju	3105 60 00
Fertilizzanti oħrajn li fihom il-klorur tal-potassju	ex 3105 90 20 ex 3105 90 80

<sup>(1)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2020:361:FULL&from=MT>

\* Meta, kif ikkonfermat minn dokumenti meħtieġa maħruġa minn laboratorju akkreditat, il-kejl inizjali tal-kontenut ta' potassju ma qabiżx it-62 %, iżda l-kejl sussegwenti minn awtorità kompetenti jaqbeż dan il-limitu, allura l-kontenut ta' potassju jitqies b'hal r-riżultat tal-kejl tal-awtorità kompetenti li minnu titnaqqas:

- it-tolleranza f'valur assolut f'perċentwali skont il-massa f'konformità mal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti tal-KE u;
- mis-16 ta' Lulju 2022, it-tolleranza f'punti perċentwali f'termini assoluti stabbilita fil-Parti III tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 dwar il-fertilizzanti tal-KE.

Il-valutazzjoni tal-kontenut ta' potassju tal-prodotti tal-potassa minn awtorità kompetenti sabiex tivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament ser ssir qabel ir-rilaxx tal-prodotti tal-potassa għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.."

*ANNEX IV*

L-Annex IX huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNEX IX***LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU KBAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 1j U 1k**

Belarusbank

Belinvestbank (Belarusian Bank for Development and Reconstruction)

Belagroprombank

Bank Dabrabyt

Development Bank of the Republic of Belarus."

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/213

tat-8 ta' Frar 2022

**dwar il-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta “Salaisons fumées, marque nationale Grand-Duché de Luxembourg” (IĠP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 <sup>(2)</sup> jipprevedi li l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 49 sa 52 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tapplika *mutatis mutandis* għall-kanċellament ta' reġistrazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-applikazzjoni li bagħat il-Lussemburgu biex jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta (IĠP) “Salaisons fumées, marque nationale Grand-Duché de Lussemburgu” ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(3)</sup> skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 flimkien mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-isem “Salaisons fumées, marque nationale Grand-Duché de Lussemburgu” (IĠP) jenħtieġ li jiġi kkanċellat mir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti.
- (4) Skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, tali kanċellament jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 57(2) ta' dak ir-Regolament.
- (5) Il-miżura prevista f'dan ir-Regolament hija skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-reġistrazzjoni tal-isem “Salaisons fumées, marque nationale Grand-Duché de Lussemburgu” (IĠP) hija b'dan ikkanċellata.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17).

<sup>(3)</sup> ĠU C 334, 20.8.2021, p. 28.



Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/214****tas-17 ta' Frar 2022**

**li jemenda ċerti Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard jew l-irtirar tiegħu, ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, rigward ċertu mard elenkat u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(3) u 36(4), l-Artikolu 37(4)(a) u l-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli speċifiċi għall-mard, għall-mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tiegħu u jistabbilixxi kif iridu jiġu applikati dawk ir-regoli għall-kategoriji diversi tal-mard elenkat. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) tiegħu, u programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi għall-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(c) tiegħu, u l-approvazzjoni ta' dawn il-programmi mill-Kummissjoni. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tapprova l-istatus ta' ħelsien mill-mard jew tirtira dan l-istatus tal-Istati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) u (c) tiegħu.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689<sup>(2)</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi l-kriterji għall-għoti ta' status ta' ħelsien mill-mard u għaż-żamma, għas-sospensjoni jew għall-irtir ta' dan l-istatus lill-Istati Membri jew liż-żoni jew lill-kompartimenti tagħhom, u jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi għall-Istati Membri jew għaż-żoni jew għall-kompartimenti tagħhom.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620<sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-mard tal-annimali elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, fir-rigward tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew tal-kompartimenti tagħhom, u l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat. B'mod partikolari, jelenka fl-Annessi tiegħu, l-Istati Membri jew iż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom li għandhom l-istatus ta' ħelsien mill-mard u jelenka wkoll il-programmi ta' eradikazzjoni eżistenti obbligatorji jew fakultattivi approvati. Minħabba li s-sitwazzjoni epidemjoloġika ta' ċertu mard tinbidel il-ħin kollu, jeħtieġ li jiġu elenkati l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li jkunu ġodda rigward l-istatus ta' ħelsien mill-mard, li jitħassru mil-listi ż-żoni fejn ġew ikkonfermati tifqigħat ta' mard jew fejn il-kondizzjonijiet għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard m'għadhomx jiġu ssodisfati, u li jiġu approvati ċerti programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji jew fakultattivi mressqa lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/620 tal-15 ta' April 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u tal-istatus ta' mingħajr tilqim ta' ċerti Stati Membri jew taż-żoni jew il-kompartimenti tagħhom fir-rigward ta' ċertu mard elenkat, u rigward l-approvazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal dak il-mard elenkat (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 78).

- (4) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-ħruġ), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll l-atti tal-Kummissjoni msejsa fuqu, bħar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ.
- (5) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis*, għall-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*Mycobacterium bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) (MTBC), l-infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV), l-infezzjoni bid-dijarea virali bovina (BVD), u l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1–24) (BTV), dan l-aħħar bosta Stati Membri applikaw lill-Kummissjoni biex ikollhom l-istatus ta' ħelsien mill-mard jew għal programmi ta' eradikazzjoni approvati għal parti mit-territorju tagħhom jew għat-territorju kollu.
- (6) Din hija okkażjoni tajba biex l-annimali bovini, ovini u kaprini jiġu elenkati b'mod separat minn dak il-mard. Għaldaqstant, il-Parti II tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, kif emendat b'dan ir-Regolament, se jkollu Kapitolu differenti għall-annimali bovini u għall-annimali kaprini u ovini, u għaldaqstant jeħtieġ li jiġi emendat ukoll l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni li jirreferi għal dak l-Anness.
- (7) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. Suis* fl-annimali bovini, Spanja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Provinċja ta' Cáceres fil-Komunità Awtonoma ta' Extremadura. Għalhekk, jenħtieġ li dik iż-żona tiġi elenkata bħala żona ħielsa mill-*Brucella abortus*, mill-*B. melitensis* u mill-*B. Suis* fl-annimali bovini fil-Parti I, il-Kapitolu 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.
- (8) Għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fl-annimali bovini, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja u l-Portugall, u għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. Suis* fl-annimali ovini u kaprini, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall ressqu l-applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex il-programmi ta' eradikazzjoni obligatorji tagħhom jiġu approvati. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, daww l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom koperti minn daww il-programmi ta' eradikazzjoni jiġu elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, fil-lista ta' daww li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għal dak il-mard f'daww il-popolazzjonijiet tal-annimali.
- (9) Għall-infezzjoni bl-MTBC, Spanja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-infezzjoni bl-MTBC stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Komunità Awtonoma ta' País Vasco. Għalhekk, jenħtieġ li l-Komunità awtonoma tiġi elenkata bħala żona ħielsa mill-MTBC fl-Anness II, il-Parti I, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.
- (10) Għall-infezzjoni bl-MTBC, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq ressqu applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex il-programmi ta' eradikazzjoni tagħhom jiġu approvati. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, daww l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom koperti minn daww il-programmi ta' eradikazzjoni, kif ukoll ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jiġu elenkati fl-Anness II, il-Parti II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, bħala li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-MTBC.
- (11) Għall-infezzjoni bl-RABV, Franza ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati fil-Guyana Franċiża. Għalhekk, jenħtieġ li l-Guyana Franċiża tiżdied mat-territorju ta' Franza li diġà huwa elenkat bħala ħieles mill-RABV fl-Anness III, il-Parti I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620.

- (12) Il-Polonja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħat tal-infezzjoni bl-RABV f'diversi reġjuni tal-provinċja ta' Mazowieckie u tal-provinċja ta' Świętokrzyskie, li bħalissa elenkati bħala żoni bi status ta' ħelsien mill-mard fil-Parti I tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620. Għalhekk, jenħtieġ li r-reġjuni affettwati jitħassru minn dik il-lista u jenħtieġ li l-entrata għal dak l-Istat Membru f'dik il-lista tiġi emendata skont dan.
- (13) Għall-infezzjoni bl-RABV, il-Polonja, u r-Rumanija ressqu l-applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex il-programmi ta' eradikazzjoni tagħhom jiġu approvati. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom koperti minn dawk il-programmi ta' eradikazzjoni jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, bħala li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-RABV.
- (14) Għall-infezzjoni bil-BVD, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja ressqu informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-BVD stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma ssodisfati għat-territorji tagħhom kollha. Barra minn hekk, il-Ġermanja ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni li l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-BVD huma ssodisfati għal ċerti żoni tat-territorju tagħha. Il-Ġermanja ressqet ukoll applikazzjonijiet lill-Kummissjoni biex il-programmi ta' eradikazzjoni tagħha jiġu approvati għal żoni oħra tat-territorju tagħha. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dawk l-applikazzjonijiet kienu jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-approvazzjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u għall-approvazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni għall-BVD, b'mod rispettiv. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom jiġu elenkati skont dan fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, jiġu elenkati bl-istatus ta' ħelsien mill-mard mill-BVC jew li għandhom programm ta' eradikazzjoni għall-BVD b'mod rispettiv.
- (15) Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' infezzjoni bil-BTV tas-serotip 4 fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, li affettwaw ir-reġjuni ta' Peñarroya-Pueblonuevo, ta' Hinojosa del Duque (Pedroches II), ta' Pozoblanco (Pedroches I), ta' Villanueva de Córdoba (Pedroches III), ta' Montoro (Alto del Guadalquivir), ta' Andújar u ta' Linares fil-Komunità Awtonoma ta' Andalucía. It-tifqigħat affettwaw ukoll ir-reġjuni ta' Almadén, ta' Almodóvar del Campo u ta' Piedrabuena fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, kif ukoll il-Provinċja ta' Badajoz u r-reġjuni ta' Coria, ta' Valencia de Alcántara, ta' Cáceres u ta' Trujillo y Logrosán (Zorita) fil-Komunità Awtonoma ta' Extremadura. Dawn ir-reġjuni affettwati, li jinsabu fil-Komunità Awtonoma ta' Andalucía, fil-Komunità Awtonoma ta' Extremadura, u fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla-La Mancha, b'mod rispettiv, bħalissa jinsabu elenkati bħala li għandhom l-istatus ta' ħelsien mill-mard bil-BTV, fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620. Jenħtieġ li l-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' dawk ir-reġjuni għall-infezzjoni bil-BTV jiġi rtirat, u jenħtieġ li l-entrata għal Spanja f'dik il-lista tiġi emendata skont dan.
- (16) Barra minn hekk, il-Portugall innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat ta' infezzjoni bil-BTV tas-serotip 4 fid-distretti ta' Castelo Branco u ta' Setúbal. Peress li d-distretti ta' Castelo Branco u ta' Setúbal, huma parti mill-Portugall u jinsabu fiż-żoni bl-istatus ta' ħelsien mill-mard elenkati fil-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, jenħtieġ li l-istatus ta' ħelsien mill-mard tagħhom għall-infezzjoni bil-BTV jiġi rtirat, u jenħtieġ li l-entrata għall-Portugall f'dik il-lista tiġi emendata skont dan.
- (17) Barra minn hekk, fir-rigward tal-infezzjoni bil-BTV, Spanja ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni biex jiġi approvat programm ta' eradikazzjoni fakultattiv. Wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni, dik l-applikazzjoni kienet tikkonforma mal-kriterji stipulati fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689. Għalhekk, jenħtieġ li ż-żoni koperti minn dak il-programmi ta' eradikazzjoni jiġu elenkati fil-Parti II tal-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620, bħala li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-BTV.
- (18) Fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tan-nekrożi ematopojetika infettiva tal-mard akkwatiku (IHN), id-Danimarka infurmat lill-Kummissjoni li l-kondizzjonijiet biex jinżamm l-istatus ta' ħelsien mill-mard għat-territorju kollu tagħha ma għadhomx issodisfati. Id-Danimarka hija elenkata fil-Parti I tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għad-Danimarka titħassar minn dik il-lista.

- (19) Il-Finlandja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar diversi tifqigħat ta' IHN fil-Gżejjer Åland, f'żona li hija elenkata bl-istatus ta' ħelsien mill-mard fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620. Għalhekk, jenħtieġ li l-istatus ta' ħelsien mill-mard taż-żona infettata jiġi rtirat u jenħtieġ li ż-żona titħassar mill-Parti I ta' dak l-Anness, u jenħtieġ li l-entrata għal dak l-Istat Membru f'dik il-lista tiġi emendata skont dan.
- (20) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I, II, III, VII, VIII u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 jiġu emendati skont dan.
- (21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni obbligatorju approvat għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali bovini għandhom jiġu elenkati fil-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Anness I.

4. L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom bi programm ta' eradikazzjoni obbligatorju approvat għall-infezzjoni bil-*Brucella abortus*, bil-*B. melitensis* u bil-*B. suis* fil-popolazzjonijiet tal-annimali ovini u kaprini għandhom jiġu elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness I.”

2. L-Annessi I, II, III, VII, VIII u XIII huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

L-Annessi I, II, III, VII, VIII u XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/620 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, il-Kapitolu 1, l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Spanja	It-territorju kollu"

(b) Il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

## "PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom pjan ta' eradikazzjoni approvat għall-*Brucella abortus*, għall-*B. melitensis* u għall-*B. suis***

## KAPITOLU 1

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom pjan ta' eradikazzjoni approvat għall-*Brucella abortus*, għall-*B. melitensis* u għall-*B. Suis* fil-popolazzjonijiet tal-animali bovini**

Stat Membru	Territorju
Il-Bulgarija	It-territorju kollu
Il-Greċja	It-territorju kollu
L-Ungerija	It-territorju kollu
L-Italja	Regione Abruzzo: Provincia di L'Aquila, Teramo, Chieti Regione Basilicata Regione Calabria Regione Campania: Provincia di Caserta, Salerno Regione Molise: Provincia di Isernia Regione Puglia: Provincia di Foggia, Taranto Regione Sicilia
Il-Portugall	Região Autónoma dos Açores: Ilha de São Miguel Região Madeira Distritos Beja, Braga, Braganca, Evora, Lisboa, Portalegre, Porto, Santarem, Setubal, Viana do Castelo, Vila Real

## KAPITOLU 2

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom pjan ta' eradikazzjoni approvat għall-*Brucella abortus*, għall-*B. melitensis* u għall-*B. Suis* fil-popolazzjonijiet tal-animali ovini u kaprini**

Stat Membru	Territorju
Il-Bulgarija	It-territorju kollu
Il-Kroazja	It-territorju kollu

Il-Greċja	It-territorju kollu
L-Italja	Regione Basilicata Regione Calabria: Provincia di Crotone, Reggio Calabria, Vibo Valentina Regione Campania: Provincia di Caserta, Salerno, Avellino, Napoli Regione Puglia: Provincia di Foggia, Lecce Regione Sicilia
Il-Portugall	Região Madeira Distritos Aveiro, Beja, Braga, Braganca, Castelo Branco, Coimbra, Evora, Faro, Guarda, Leiria, Lisboa, Portalegre, Porto, Santarem, Setubal, Viana do Castelo, Vila Real, Viseu"

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti I, l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Spanja	Comunidad Autónoma de Canarias Comunidad Autónoma de Galicia Comunidad Autónoma del País Vasco Comunidad Autónoma del Principado de Asturias"

(b) Il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-MTBC**

Stat Membru (*)	Territorju
Il-Bulgarija	It-territorju kollu
Il-Kroazja	It-territorju kollu
Ċipru	It-territorju kollu
Il-Greċja	It-territorju kollu
L-Irlanda	It-territorju kollu
L-Italja	Regione Abruzzo: Provincia di L'Aquila, Teramo, Chieti Regione Basilicata: Provincia di Potenza Regione Calabria Regione Campania Regione Lazio: Provincia di Latina, Roma Regione Marche: Provincia di Macerata Regione Puglia Regione Sardegna: Provincia di Sassari, Nuoro Regione Sicilia

Malta	It-territorju kollu
Il-Portugall	Região Autónoma dos Açores: Ilha de São Miguel Região Autónoma da Madeira Distritos Aveiro, Beja, Braga, Bragança, Castelo Branco, Coimbra, Evora, Guarda, Leiria, Lisboa, Portalegre, Porto, Santarem, Setubal, Viana do Castelo, Vila Real, Viseu
Ir-Rumanija	It-territorju kollu
Spanja	Comunidad Autónoma de Andalucía Comunidad Autónoma de Aragón Comunidad Autónoma de Islas Baleares Comunidad Autónoma de Cantabria Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha Comunidad Autónoma de Castilla y León Comunidad Autónoma de Cataluña Comunidad Autónoma de Extremadura Comunidad Autónoma de La Rioja Comunidad Autónoma de Madrid Comunidad Autónoma de Murcia Comunidad Autónoma de Navarra, Comunidad Autónoma de Valencia
Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)	L-Irlanda ta' Fuq

(\* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq")

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti I hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għal Franza hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Franza	It-territorju kollu"

(ii) l-entrata għall-Polonja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Polonja	il-provinċja ta' Dolnośląskie: il-powiaty kollha il-provinċja ta' Kujawsko-pomorskie: il-powiaty kollha il-provinċja ta' Lubelskie, il-powiaty li ġejjin: m. Lublin, Łęczyński, Parczewski, Radzyński, Świdnicki il-provinċja ta' Lubuskie: il-powiaty kollha il-provinċja ta' Łódzkie, il-powiaty li ġejjin: Bełchatowski, Brzeziński, Kutnowski, Łaski, Łęczycki, Łowicki, Łódzki Wschodni, m. Łódź, Pabianicki, Pajęczański, Piotrkowski, m. Piotrków Trybunalski, Poddębicki, Radomszczański, Rawski, Sieradzki, Skierniewicki, m. Skierniewice, Tomaszowski, Wieluński, Wieruszowski, Zduńskowolski, Zgierski



	il-provinċja ta' Małopolskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Mazowieckie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Ciechanowski, Gostyniński, Makowski, Mławski, Ostrołęcki, m. Ostrołęka, Płocki, m. Płock, Przasnyski, Sierpecki, Żuromiński il-provinċja ta' Opolskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Podlaskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Pomorskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Śląskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Świętokrzyskie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Buski, Kazimierski, Pińczowski, Włoszczowski il-provinċja ta' Warmińsko-mazurskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Wielkopolskie: il- <i>powiaty</i> kollha il-provinċja ta' Zachodniopomorskie: il- <i>powiaty</i> kollha”
--	---

(iii) l-entrata għal Spanja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
“Spanja	It-territorju kollu”

(b) Il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

“PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bl-RABV**

Stat Membru	Territorju
‘Il-Polonja	il-provinċja ta' Lubelskie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Bialski, m. Biała Podlaska, Biłgorajski, Chełmski, m. Chełm, Hrubieszowski, Janowski, Krasnostawski, Kraśnicki, Lubartowski, Lubelski, Łukowski, Opolski, Puławski, Rycki, Tomaszowski, Włodawski, Zamojski, m. Zamość il-provinċja ta' Łódzkie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Opoczyński il-provinċja ta' Mazowieckie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Białobrzeski, Garwoliński, Grodziski, Grójecki, Koziński, Legionowski, Lipski, Łosicki, Miński, Nowodworski, Ostrowski, Otwocki, Piaseczyński, Płoński, Pruszkowski, Przysuski, Pułtowski, Radomski, m. Radom, Siedlecki, m. Siedlce, Sochaczewski, Sokołowski, Szydłowiecki, m.st. Warszawa, Warszawski Zachodni, Węgrowski, Wołomiński, Wyszowski, Zwoleniński, Żyrardowski il-provinċja ta' Podkarpackie il-provinċja ta' Świętokrzyskie, il- <i>powiaty</i> li ġejjin: Jędrzejowski, Kielecki, m. Kielce, Konecki, Opatowski, Ostrowiecki, Sandomierski, Skarżyski, Starachowicki, Staszowski
Ir-Rumanija	It-territorju kollu”

(4) Fl-Annessi VII, il-Partijiet I u II huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“PARTI I

**L-Istati Membri jew żoni tagħhom li għandhom status ta' ħelsien mill-BVD**

Stat Membru	Territorju
L-Awstrija	It-territorju kollu
Il-Finlandja	It-territorju kollu
Il-Ġermanja	<p>Bundesland Baden-Württemberg: Regierungsbezirk Stuttgart, Karlsruhe, Freiburg</p> <p>Il-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Tübingen: Alb-Donau-Kreis, Biberach, Bodenseekreis, Reutlingen, Sigmaringen, Tübingen, Zollernalbkreis, Stadtkreis Ulm.</p> <p>Bundesland Bayern: Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Oberbayern: Ingolstadt, Stadt München, Stadt Rosenheim, Altötting, Berchtesgadener Land, Bad Tölz-Wolfratshausen, Ebersberg, Eichstätt, Freising, Fürstfeldbruck, Garmisch-Partenkirchen, Landsberg am Lech, Miesbach, Mühldorf am Inn, Lkr. München, Neuburg-Schrobenhausen, Pfaffenhofen an der Ilm, Lkr. Rosenheim, Starnberg, Traunstein</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Niederbayern: Stadt Landshut, Stadt Passau, Stadt Straubing, Freyung-Grafenau, Kelheim, Lkr. Landshut, Lkr. Passau, Regen, Rottal-Inn</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Oberpfalz: Stadt Amberg, Stadt Regensburg, Weiden in der Oberpfalz, Lkr. Amberg-Sulzbach, Cham, Neumarkt in der Oberpfalz, Neustadt an der Waldnaab, Lkr. Regensburg, Schwandorf, Tirschenreuth</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Oberfranken: Stadt Bamberg, Stadt Bayreuth, Stadt Coburg, Stadt Hof, Lkr. Bamberg, Lkr. Bayreuth, Lkr. Coburg, Forchheim, Lkr. Hof, Kronach, Kulmbach, Lichtenfels, Wunsiedel im Fichtelgebirge</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Mittelfranken: Stadt Ansbach, Stadt Erlangen, Stadt Fürth, Nürnberg, Schwabach, Lkr. Ansbach, Lkr. Erlangen-Höchstädt, Lkr. Fürth, Nürnberger Land, Neustadt an der Aisch-Bad Windsheim, Roth, Weißenburg-Gunzenhausen</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Unterfranken: Stadt Aschaffenburg, Stadt Schweinfurt, Stadt Würzburg, Lkr. Aschaffenburg, Bad Kissingen, Röhn-Grabfeld, Haßberge, Kitzingen, Miltenberg, Main-Spessart, Lkr. Schweinfurt, Lkr. Würzburg</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Schwaben: Stadt Augsburg, Kaufbeuren, Kempten im Allgäu, Memmingen, Aichach-Friedberg, Dillingen an der Donau, Neu-Ulm, Lindau, Unterallgäu, Donau-Ries</p> <p>Bundesland Brandenburg</p> <p>Bundesland Bremen</p> <p>Bundesland Hamburg</p> <p>Bundesland Hessen:</p>

	<p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Kassel: Werra-Meißner, Lkr. Kassel, Stadt Kassel, Waldeck-Frankenberg, Schwalm-Eder-Kreis, Hersfeld-Rotenburg</p> <p>Regierungsbezirk Darmstadt</p> <p>Regierungsbezirk Gießen</p> <p>Bundesland Mecklenburg-Vorpommern</p> <p>Bundesland Rheinland-Pfalz</p> <p>Bundesland Saarland</p> <p>Bundesland Sachsen</p> <p>Bundesland Sachsen-Anhalt</p> <p>Bundesland Thüringen</p>
L-Iżvezja	It-territorju kollu

## PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-BVD**

Stat Membru	Territorju	Data tal-approvazzjoni inizjali msemmija fil-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
Il-Ġermanja	<p>Bundesland Baden-Württemberg:</p> <p>Landkreis Ravensburg fil-Regierungsbezirk Tübingen</p> <p>Bundesland Bayern:</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Oberbayern: Dachau, Erding, Weilheim-Schongau</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Niederbayern: Deggendorf, Lkr. Straubing-Bogen, Dingolfing-Landau</p> <p>Il-bliet u l-Landkreis li ġejjin f'Regierungsbezirk Schwaben: Lkr. Augsburg, Günzburg, Ostallgäu, Oberallgäu</p> <p>Bundesland Berlin</p> <p>Bundesland Hessen:</p> <p>Landkreis Fulda fil-Regierungsbezirk Kassel</p> <p>Bundesland Niedersachsen</p> <p>Bundesland Nordrhein-Westfalen</p> <p>Bundesland Schleswig-Holstein</p>	Il-21 ta' Frar 2022

(5) L-Anness VIII huwa emendat kif ġejj:

(a) fil-Parti I, l-entrata għal Spanja hija emendata kif ġejj:

(i) l-entrati għall-provinċja ta' Córdoba u tal-provinċja ta' Jaén fil-Comunidad Autónoma de Andalucía jiġihassru;

(ii) l-entrata għall-Comunidad Autónoma de Extremadura hija sostitwita b'dan li ġejj:

“Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha, għajr ir-reġjuni li ġejjin fil-provinċja ta' Ciudad Real: Almadén, Almodóvar del Campo u Piedrabuena”;

(iii) l-entrata għall-Comunidad Autónoma de Extremadura tiġihassar;

(b) fil-Parti I, l-entrata għall-Portugall hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Portugall	It-territorju kollu, minbarra d-districts ta' Beja, ta' Castelo Branco, ta' Evora, ta' Faro, ta' Portalegre, ta' Santarem, ta' Setubal"

(c) Il-Parti II hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI II

**L-Istati Membri jew iż-żoni tagħhom li għandhom programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-BTV**

Stat Membru	Territorju	Data tal-approvazzjoni inizjali msemija fil-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689
Spanja	<p>Comunidad Autónoma de Andalucía: il-provinċji ta' Cádiz, ta' Córdoba, ta' Huelva, ta' Jaén, ta' Málaga, ta' Sevilla il-provinċja ta' Granada: Motril (Costa de Granada)</p> <p>Comunidad Autónoma de Aragón: il-provinċja ta' Huesca: ir-reġjun ta' Boltaña, ta' Jaca, ta' Sabiñánigo il-municipalitá fir-reġjun ta' Ayerbe: Las Peñas de Riglos Il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Huesca: Arguis, Casbas de Huesca, Ibieca, Igríes, Loporzano, Nueno u Siétamo; il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Barbastro: Abiego, Adahuesca, Alquézar, Bierge, Colungo u Naval il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Castejón de Sos: Castejón de Sos, Chía, Sahún, Seira, Sesué, Villanova il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Graus: Campo, Foradada, Valle de Bardají il-provinċja ta' Zaragoza: ir-reġjun ta' Jaca</p> <p>Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha: il-Provinċja ta' Ciudad Real, ir-reġjuni li ġejjin: Almadén, Almodóvar del Campo u Piedrabuena</p> <p>Comunidad Autónoma de Extremadura Comunidad Autónoma de Islas Baleares Comunidad Autónoma de Navarra: ir-reġjun ta' Elizondo, ta' Izurzun, ta' Ochagavía, ta' Pamplona, ta' Santesteban il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Estella: Guesálaz, Lezaun, Valle de Yerri, Cirauqui, Mañeru, Artazu, Guirguillano, Salinas de Oro, Abárzuza, Allín, Améscoa Baja, Larraona, Arnanarache, Eulate</p>	Il-21 ta' Frar 2022"

	<p>il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-reġjun ta' Sangüesa: Oroz-Betelu, Izagaondoa, Lumbier, Urraul Alto, Urraul Bajo, Romanzado, Lónguida, Aoiz, Erro, Arce, Esteribar, Luzaide- Valcarlos, Auritz Burguete, Orreaga-Roncesvalles</p> <p>Comunidad Autónoma del País Vasco:</p> <p>il-provinċja ta' Guipúzcoa</p> <p>il-provinċja ta' Bizkaia/Vizcaya</p> <p>il-provinċja ta' Araba/Álava:: il-muniċipalità ta' Aramaio</p>	
--	---	--

(6) fl-Anness XIII, il-Parti I hija emendata kif ġej:

- (a) l-entrata għad-Danimarka titħassar;
- (b) l-entrata għall-Finlandja hija sostitwita b'dan li ġej:

Stat Membru	Territorju
"Il-Finlandja	It-territorju kollu, minbarra l-kompartiment kostali magħmul mill-partijiet tal-muniċipalitajiet ta' Föglö, ta' Lumparland, ta' Lemland, u ta' Vårdö f'ċirku b'radjus ta' 19,331 kilometri li ċ-ċentru tiegħu jinsab fuq WGS84 fil-kordinati Lat 59,975253701 °, Lon 20,454027317 "

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/215****tas-17 ta' Frar 2022****li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada u l-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1) u 232(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, sabiex jidħlu fl-Unjoni, iridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom, fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.
- (4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, jew territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk mill-pollam u l-għasafar tal-kaċċa.
- (5) Il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab fil-provinċja ta' Nova Scotia, u ġiet ikkonfermata fl-1 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).
- (6) Barra minn hekk, l-Istati Uniti tal-Amerka nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fil-pollam. It-tifqigħa tinsab qrib il-kontea ta' Dubois, l-istat ta' Indiana u ġiet ikkonfermata fit-8 ta' Frar 2022 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

- (7) L-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka stabbilew żona ta' kontroll ta' 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda sabiex jikkontrollaw il-preżenza tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.
- (8) Il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka baġhat informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u l-miżuri li ħa biex jiġi evitat li l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tkompli tixtered. Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk mill-pollam u għasafar tal-kaċċa miż-żoni taħt ir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka minħabba t-tifqigħat reċenti tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.
- (10) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Kanada u fl-Istati Uniti tal-Amerka b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u r-riskju serju tal-introduzzjoni fl-Unjoni, l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.1 tiddaħħal wara r-ringiela CA-2:

"CA Il-Kanada	CA-2.1	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		1.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		1.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		1.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		1.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		1.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		1.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		1.2.2022	
		Bajd għat-tifqis ta' tjur għajr ir-ratiti	HEP	N, P1		1.2.2022	
		Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		1.2.2022	
		Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur għajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		1.2.2022";	

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti tal-Amerka, ir-ringiela li ġejja għaż-żona US-2.4 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona US-2.3:

"US l-Istati Uniti	US-2.4	Tjur tat-tnissil għajr ir-ratiti u tjur produttiv għajr ir-ratiti	BPP	N, P1		8.2.2022	
		Ratiti tat-tnissil u ratiti produttivi	BPR	N, P1		8.2.2022	
		Pollam maħsub għall-iskarnar għajr ir-ratiti	SP	N, P1		8.2.2022	
		Ratiti maħsuba għall-iskarnar	SR	N, P1		8.2.2022	
		Flieles ta' ġurnata għajr ir-ratiti	DOC	N, P1		8.2.2022	



	Flieles ta' ġurnata tar-ratiti	DOR	N, P1		8.2.2022	
	Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur ġhajr ir-ratiti	POU-LT20	N, P1		8.2.2022	
	Bajd għat-tifqis ta' tjur ġhajr ir-ratiti	HEP	N, P1		8.2.2022	
	Bajd għat-tifqis tar-ratiti	HER	N, P1		8.2.2022	
	Inqas minn 20 eżemplar ta' tjur ġhajr ir-ratiti	HE-LT20	N, P1		8.2.2022";	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona CA-2.1 tiddaħħal wara r-ringiela CA-2:

"Il-Kanada	CA-2.1	fil-Provinċja tan-Nova Scotia: Il-Muniċipalitajiet ta' Gaspereau, Grand Pre, Lower Wolfville, Melanson, Wolfville, Avonport,, Greenfield, Hansport, Hortonville, New Minas, North Grand Pre, Port Williams u hite Rock";
------------	--------	---

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, tiddaħħal id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona US-2.4, wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.3:

"L-Istati Uniti	US-2.4	L-Istat ta' Indiana: Il-Kontea ta' Dubois: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda bil-punt tat-Tramuntana fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll tal-premessa 01 ta' Dubois u li testendi favur l-arloġġ: (a) It-Tramuntana: 0,56 km lejn il-Grigal mill-intersezzjoni ta' E. Schnellville Road u Rustic Acres Road. (b) Il-Grigal: 1,28 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal-awtostradi S 600E u E 400S. (c) Il-Lvant: 0,45 km fl-intersezzjoni fil-punent ta' S Schnell Road u S Kyana Road. (d) Ix-Xlokk: 0,11 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni tal-Awtostrada 64 u E Ferdinand Road E. (e) In-Nofsinhar 0, 66km fix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-County Road 875 E u E County Road 2100N (f) Il-Lbiċ: 0, 66km fil-Lvant mill-intersezzjoni tal-Awtostrada S US 231 u W 1100 S. (g) Il-Punent: 0, 94 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' S 500W u W 630S. (h) Il-Majjistral: 0,2 km fit-Tramuntana tal-intersezzjoni tal-Awtostrada S US 231 u S Witz Road";
-----------------	--------	---

(2) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.1 tiddaħħal wara r-ringiela CA-2:

"CA Il-Kanada	CA-2.1	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		1.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		1.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		1.2.2022";	

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti tal-Amerka, ir-ringiela li ġejja għaż-żona US-2.4 tiddaħħal wara r-ringiela għaż-żona US-2.3:

"US l-Istati Uniti	US-2.4	Laħam frisk ta' tjur għajr ir-ratiti	POU	N, P1		8.2.2022	
		Laħam frisk ta' ratiti	RAT	N, P1		8.2.2022	
		Laħam frisk ta' għasafar tal-kaċċa	GBM	P1		8.2.2022";	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni taż-żona CA-2 hija sostitwita b'li ġej:

"Il-Kanada	CA-2	It-territorju tal-Kanada li jikkorrispondi għal:
	CA-2.1	fil-Provinċja tan-Nova Scotia: Il-Muniċipalitajiet ta' Gaspereau, Grand Pre, Lower Wolfville, Melanson, Wolfville, Avonport,, Greenfield, Hansport, Hortonville, New Minas, North Grand Pre, Port Williams u hite Rock";

(ii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona US-2.4, tiddaħħal wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.3:

"l-Istati Uniti	US-2.4	L-Istat ta' Indiana: Il-Kontea ta' Dubois: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda bil-punt tat-Tramuntana fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll tal-premessa 01 ta' Dubois u li testendi favur l-arloġġ: (a) It-Tramuntana: 0,56 km lejn il-Grigal mill-intersezzjoni ta' E. Schnellville Road u Rustic Acres Road. (b) Il-Grigal: 1,28 km fil-Majjistral it-Tramuntana mill-intersezzjoni tal-awtostradi S 600E u E 400S. (c) Il-Lvant: 0,45 km fl-intersezzjoni fil-punent ta' S Schnell Road u S Kyana Road. (d) Ix-Xlokk: 0,11 km fin-Nofsinhar mill-intersezzjoni tal-Awtostrada 64 u E Ferdinand Road E.
-----------------	--------	--

		<p>(e) In-Nofsinhar 0, 66km fix-Xlokk mill-intersezzjoni tal-County Road 875 E u E County Road 2100N</p> <p>(f) Il-Lbiċ: 0, 66km fil-Lvant mill-intersezzjoni tal-Awtostrada S US 231 u W 1100 S.</p> <p>(g) Il-Punent: 0, 94 km fix-Xlokk mill-intersezzjoni ta' S 500W u W 630S.</p> <p>(h) Il-Majjistral: 0,2 km fit-Tramuntana tal-intersezzjoni tal-Awtostrada S US 231 u S Witz Road”.</p>
--	--	--

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/216

tal-15 ta' Frar 2022

dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja

(notifikata bid-dokument C(2022) 865)

**(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-iskadenza tal-assistenza finanzjarja tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà fl-20 ta' Awwissu 2018, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 <sup>(2)</sup> attivat sorveljanza msaħħa għall-Greċja għal perjodu ta' sitt xhur, mill-21 ta' Awwissu 2018. Is-sorveljanza msaħħa ġiet sussegwentement estiża sitt darbiet <sup>(3)</sup>, kull darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, l-aħħar darba mill-21 ta' Awwissu 2021.
- (2) Sa mill-2010, il-Greċja rċeviet ammont sostanzjali ta' assistenza finanzjarja, u b'konsegwenza ta' hekk, l-obbligazzjonijiet pendenti tal-Greċja lejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro, lejn il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u lejn il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jammontaw għal total ta' EUR 240 875 miljun. Il-Greċja rċeviet appoġġ finanzjarju mis-sħab Ewropej tagħha rigward termini konċessjonali u fl-2012 ġew adottati miżuri speċifiċi biex id-dejn jitqiegħed fuq bażi aktar sostenibbli u dan reġa' sar fl-2017 mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Fit-22 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil politiku fil-Grupp tal-Euro biex jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn. Xi wħud minn dawn il-miżuri, inkluż it-trasferiment ta' ammonti ekwivalenti għall-introjt u li daħħlu l-banek ċentrali nazżjonali taż-żona tal-euro fuq il-bonds tal-gvern Grieg miżmuma fl-ambitu tal-Ftehim dwar l-Assi Finanzjarji Netti u l-Programm tas-Swieq tat-Titoli, jista' jsir qbil dwarhom darbtejn fis-sena fil-Grupp tal-Euro fuq il-bażi ta' rapportar pożittiv, fil-qafas tas-sorveljanza msaħħa, dwar il-konformità tal-Greċja mal-impenji ta' politika tagħha għal wara l-programm. Ir-rilaxx tal-ewwel sitt ġabriet ta' miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika ġie implimentat wara ftehim mal-Grupp tal-Euro f'April 2019, Diċembru 2019, Ġunju 2020, Novembru 2020, Ġunju 2021, u Diċembru 2021 rispettivament.
- (3) Il-Greċja impenjat ruħha fil-Grupp tal-Euro biex tkompli u tlesti r-riformi ewlenin kollha adottati skont il-programm ta' appoġġ tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà ("il-programm") u biex tissalvagwardja l-oġettivi tar-riformi importanti adottati skont dan il-programm u l-predeċessuri tiegħu. Il-Greċja impenjat ruħha wkoll li timplimenta azzjonijiet speċifiċi fl-oqsma ta' politiki fiskali u fiskostrutturali, tal-benessri soċjali, tal-istabbiltà finanzjarja, tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, tal-privatizzazzjoni u tal-amministrazzjoni pubblika. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi, li huma stipulati f'anness tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018, se jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi tal-Greċja u s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet ekonomiċi. Dawn l-impenji, li huma l-bażi għar-rilaxx tal-miżuri addizzjonali ta' ħelsien mid-dejn, ġew stabbiliti sa nofs l-2022 u għalhekk il-Greċja issa tinsab fis-sena finali ta' dan l-arranġament. L-awtoritajiet esprimew l-intenzjoni li jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq it-twertiq tal-impenji pendenti sa nofs l-2022. Id-deċiżjonijiet dwar ir-rilaxx tal-miżuri ta' ħelsien mid-dejn li fadal kif ukoll it-tmiem tas-sorveljanza msaħħa jeħtieġ li jqisu l-progress lejn it-tlestija tal-impenji kif ukoll l-ambjent usa' tal-politika ekonomika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 tal-11 ta' Lulju 2018 dwar l-attivazzjoni ta' sorveljanza msaħħa għall-Greċja (ĠU L 211, 22.8.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/338 (ĠU L 60, 28.2.2019, p. 17); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1287 (ĠU L 202, 31.7.2019, p. 110); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/280 (ĠU L 59, 28.2.2020, p. 9); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/5086 (ĠU L 248, 31.7.2020, p. 20); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/271 (ĠU L 61, 22.2.2021, p. 3); u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1279 (ĠU L 280, 3.8.2021, p. 2).

- (4) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-analiżi fil-fond tal-2021 għall-Greċja<sup>(4)</sup>. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Greċja qiegħda tkompli tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. Dawn l-iżbilanċi relatati ma' dejn għoli tal-gvern, proporzjon għoli ta' self li ma jrendix u riekwilibriju estern mhux komplut, f'kuntest ta' qgħad li għadu għoli — għalkemm qed jonqos — u tkabbir potenzjali baxx. L-analiżi li saret fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2022<sup>(5)</sup> identifikat lill-Greċja bħala wieħed mill-Istati Membri li se ssir eżaminazzjoni ulterjuri tiegħu fl-analiżi fil-fond tar-rebbiegħa 2022 fir-rigward tal-persistenza tal-iżbilanċi eċċessivi u l-progress fl-eliminazzjoni tal-iżbilanċi eċċessivi. Din il-valutazzjoni kienet imsejja fuq għadd ta' kunsiderazzjonijiet, inklużi: L-ewwel nett, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG żdied b'26 punt perċentwali fl-2020, għal 206,3 % tal-PDG, u dan jirrifletti l-profondità tar-reċessjoni u l-impatt tal-miżuri biex jiġi limitat il-kost ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19. Minkejja li d-dejn pubbliku huwa għoli, proporzjon kbir minnu ġie estiż mill-kredituri uffiċjali b'rati konċessjonali, li, flimkien mal-buffer kbir ta' kontanti jiżola lill-Greċja minn fluttwazzjonijiet fuq terminu qasir. Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern huwa mbassar li jibda jonqos fl-2021. It-tieni, il-profittabbiltà tas-settur bankarju saret negattiva fl-2020 u l-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 ta' ekwità komuni huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE, parzjalment minħabba t-tindif kontinwu tal-karti tal-bilanċ tal-banek. Il-proporzjon tas-self li ma jrendix, f'Settembru 2021<sup>(6)</sup> kien jammonta għal 15 %, u filwaqt li kien għadu għoli, naqas b'mod sinifikanti fl-2020 u kompli jonqos fl-2021. It-tielet, is-sostenibbiltà esterna marret għall-agħar fl-2020 peress li l-pożizzjoni ta' investment internazzjonali netta li kienet negattiva (bħala proporzjon tal-PDG) kompliet tonqos kaġun it-tnaqqs fil-PDG u d-deterjorament b'mod sinifikanti tad-defiċit fil-kont kurrenti, għal - 6,6 % tal-PDG. Madankollu, bir-ritorn tat-turiżmu, id-defiċit tal-kont kurrenti huwa mbassar li jiekien fl-2021 u fl-2022. Fl-aħħar nett, ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos anki matul il-pandemija, prinċipalment minħabba l-miżuri ta' appoġġ mill-gvern. Skont l-aktar *data* riċenti għat-tielet trimestru tal-2021, ir-rata tal-qgħad għall-Greċja hija ta' 13,0 %, jiġifieri tliet punti perċentwali anqas mill-istess trimestru tal-2020. Il-gvern kompli jieħu miżuri rilevanti biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ eċċessiv minkejja l-pandemija li għadha għaddejjja. Meta wieħed iħares 'il quddiem, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Greċja jipprovdi opportunità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-investment u tar-riformi.
- (5) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat it-tnax-il valutazzjoni tagħha fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa tal-Greċja<sup>(7)</sup>. Ikkonkludiet li l-Greċja kompliet tagħmel progress biex tilħaq l-impenji speċifiċi tagħha, minkejja d-dewmien f'xi oqsma, parzjalment minħabba ċ-ċirkostanzi diffiċli kkawżati mill-pandemija jew min-nirien katastrofiċi ta' Awwissu 2021. L-awtoritajiet wettqu impenji speċifiċi fis-settur tal-enerġija u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, filwaqt li għamlu passi importanti u ta' sodisfazzjon lejn l-ikkompletar tal-biċċa l-kbira tal-impenji speċifiċi tagħhom sa April 2022.
- (6) Fit-23 ta' Diċembru 2021, l-UE stabbiliet Strument għall-Irkupru, li jipprovdi EUR 750 biljun biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tal-kriżi tal-COVID-19 u biex tingħata spinta lill-irkupru. L-Istrument għandu jiġi implimentat b'mod partikolari permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità") ta' EUR 672,5 biljun. Is-Semestru Ewropew 2020-2021 għall-koordinazzjoni tal-politika ġie adattat temporanjament biex jingħata lok għat-tmedija tal-Faċilità. Permezz tal-Faċilità, il-Greċja hija intitolata li tirċievi sa EUR 17,8-il biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u sa EUR 12,7-il biljun f'self fil-perjodu 2021-2026.
- (7) Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Greċja ("il-pjan") ġie approvat mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021<sup>(8)</sup>. Il-Kunsill b'mod partikolari qies li l-pjan jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv subsett sinifikanti ta' sfidi ekonomiċi u soċjali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u r-rakkomandazzjonijiet li saru skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Ir-riformi inklużi fil-Pjan Grieg għall-Irkupru u r-Reżiljenza jissejnsu fuq l-isforz enormi ta' riforma li sar fl-ambitu tal-programmi ta' aġġustament ekonomiku u huma komplementari għar-riformi mmonitorjati fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa. Fid-29 ta' Diċembru 2021, il-Greċja ppreżentat l-ewwel talba tagħha għall-pagament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- (8) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni eżaminat l-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2022 tal-Greċja, filwaqt li qieset l-applikazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali u ffukat fuq il-konsistenza mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021. Skont id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni<sup>(9)</sup>, il-pożizzjoni fiskali tal-Greċja fl-2022 hija prevista li għandha tkun ta' appoġġ. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Greċja qiegħda tippjana li ttipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja

<sup>(4)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna, COM(2021)500. Analiżi fil-fond għall-Greċja, SWD(2021) 403.

<sup>(5)</sup> Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022, COM/2021/741.

<sup>(6)</sup> Sors: Bank of Greece, imkejjel fil-livell individwali.

<sup>(7)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: Rapport dwar is-Sorveljanza Msahha – il-Greċja, Novembru 2021, COM(2021) 916.

<sup>(8)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja.

<sup>(9)</sup> Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-Greċja, C(2021) 9503.

investment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Greċja qiegħda wkoll tippjana li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni nnutat li minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tal-Greċja u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni fakkret ukoll fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u l-kwalità tal-miżuri baġitarji.

- (9) Sa mill-bidu tal-pandemija, il-Greċja żammet il-preżenza tagħha fis-swieq tal-bonds u marret lil hinn mill-eżekuzzjoni tal-pjan ta' finanzjament tagħha fl-2021, billi gābret EUR 14-il biljun fis-suq miftuħ. Il-klassifikazzjoni tal-kreditu sovrani tal-Greċja kompliet titjeb fl-2021 minkejja l-pandemija, u kompliet tnaqqas id-distakk għall-grad ta' investment. Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli attwali huma appoġġati minn miżuri ta' likwidità miftiehma fil-livell Ewropew, inkluż il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija tal-Bank Ċentrali Ewropew. Fuq il-bażi tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn ippreżentata fit-12-il rapport dwar is-sorveljanza msaħħa, il-ħtiġijiet grossi ta' finanzjament tal-gvern huma mistennija jibqgħu għoljin fuq perjodu qasir ta' żmien prinċipalment minħabba d-defiċit primarju għoli previst għall-2021 u għall-2022, u r-reġistrazzjoni tal-flussi finanzjarji taħt il-Faċilità ta' Self ippreżentata fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għalkemm din il-ħtieġa addizzjonali ta' finanzjament li ssemmiet l-aħħar hija mistennija tiġi koperta mill-iżborż tas-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Fis-snin ta' wara, il-ħtiġijiet ta' finanzjament huma mistennija li jkunu moderati u li jibqgħu anqas minn 15 % tal-PDG sal-2030. Il-Greċja għad għandha buffer kbir ta' kontanti, li jipproteġiha minn fluttwazzjonijiet fuq terminu qasir.
- (10) Is-settur bankarju Grieg sar aktar stabbli u reżiljenti għax-xokkijiet sa minn tmiem il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, iżda għad hemm riskji ta' legat u vulnerabbiltajiet sottostanti sinifikanti, imsaħħa mill-impatt negattiv tat-tifqigħa tal-coronavirus. Id-depożiti komplew jżdiedu b'mod stabbli u l-banek iżommu likwidità adegwata, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn kundizzjonijiet ta' politika monetarja akkomodanti. Il-proporzjon tas-self li ma jrendix fis-settur bankarju ra tnaqqis qawwi għal 15 % f'Settembru 2021, tnaqqis minn 40,6 % f'Diċembru 2019<sup>(10)</sup>, dovut l-aktar għal sensiela ta' titolizzazzjonijiet appoġġati mill-iskema ta' protezzjoni tal-assi "Hercules". Tranżazzjonijiet oħra ppjanati fl-ambitu ta' din l-iskema huma mistennija li jkomplu jappoġġaw lill-banek Griegi fl-isforzi tagħhom biex, fl-2022, jilhqqu proporzjonijiet b'ċifra waħda ta' self li ma jrendix, li madankollu xorta jibqgħu ogħla mill-medja tal-UE. Ir-riskju ta' impatt avvers sinifikanti fuq il-kwalità tal-assi wara l-iskadenza tal-miżuri ta' moratorji fuq id-dejn sa issa għadu ma mmaterjalizzax. Madankollu, ir-riskji negattivi jippersistu u jistgħu jimmaterjalizzaw fl-2022 wara t-tneħħija tal-programmi ta' appoġġ mill-istat li għad baqa'. Il-kapaċità li d-dejn jitħallas lura, kemm tal-unitajiet domestiċi kif ukoll tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, għadha baxxa, filwaqt li s-suq kapitali sottożviluppat jillimita l-aċċess tad-ditti għall-finanzjament mhux bid-dejn. It-titolizzazzjonijiet ta' self li ma jrendix jirriżultaw f'żieda fil-ħtiġijiet ta' proviżjonament, li huma ta' piż fuq il-profittabbiltà tal-banek u fuq il-pożizzjonijiet kapitali tagħhom fuq terminu qasir, iżda se jippermettu lill-banek inaqqsu l-kost tar-riskju tagħhom fil-futur qrib u jilliberaw post għal self ġdid fil-karti tal-bilanċ tagħhom. Ir-rabta bejn il-banek u l-emittenti sovrani ġiet rinfurzata matul il-kriżi pandemika u l-kwalità kumplessiva tal-kapital tal-banek għadha baxxa iżda fl-2021 kien hemm azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapital li rnexxew. L-awtoritajiet jibqgħu impenjati vis-à-vis ir-riformi rilevanti tas-settur finanzjarju, bħat-tħaddim effettiv tal-qafas il-ġdid tal-insolvenza, li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2021 u issa huwa appoġġat mill-infrastruttura elettronika rilevanti. L-adozzjoni riċenti ta' revizzjoni estensiva tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili wkoll hija mistennija li żżid l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, inkluż it-tweqqi tal-irkantijiet elettroniċi, filwaqt li għaddejjha ħidma biex tissaħħaħ il-funzjonalità tal-pjattaforma tal-irkantijiet elettroniċi u jitlestha l-ikklerjar tal-każijiet b'lura ta' insolvenza tal-unitajiet domestiċi u tal-garanziji tal-gvern attivati. L-impatt ta' dawn ir-riformi se jiddependi fuq il-prontezza u l-effettività tal-implimentazzjoni tagħhom iżda huwa sinjal pożittiv li reġa' nbeda l-proċess ta' eżekuzzjoni tad-dejn, wara x-xkiel relatat mal-pandemija fil-proċeduri tal-qorti.
- (11) Barra minn hekk, l-awtoritajiet adottaw għadd ta' riformi ewlenin fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa li huma rilevanti biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tad-diffikultajiet ekonomiċi tal-Greċja, minkejja d-dewmien f'ċerti setturi, parzjalment minħabba l-isfidi kaġun il-pandemija li għadha għaddejjha u, dan l-aħħar, minħabba n-nirien fil-foresti fis-sajf tal-2021. B'mod partikolari, l-awtoritajiet adottaw riforma tal-pagi għall-Awtorità tad-Dħul Pubbliku, li wasslet biex din tkun tista' tattira u żżomm persunal ikkwalfikat, jew riformi fil-ġestjoni finanzjarja pubblika li tejbu s-sistemi ta' kontabilità u ta' monitoraġġ tal-flus. L-awtoritajiet komplew iżidu b'mod konsiderevoli l-proporzjon ta' akkwist pubbliku ċentralizzat għall-akkwisti b'rabta mas-settur tal-kura tas-saħħa u jinsabu fit-triq it-tajba fir-rigward tal-irkupru ta' kull infiq eċċessiv, lil hinn mil-limiti tal-infiq leġiżlati, mingħand il-fornituri tal-kura tas-saħħa. Lestew ukoll l-introduzzjoni tal-iskema tal-Introjtu ta' Solidarjetà Soċjali u wettqu rieżami tas-sistema ta' sussidji għat-trasport pubbliku lokali. Dawn il-miżuri huma mistennija jżidu l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u l-ġbir tad-dħul mit-taxxa, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-proporzjon għoli tad-dejn fil-futur qrib. Is-suq tax-xogħol huwa mistenni jibbenefika mill-azzjonijiet meħuda biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux

<sup>(10)</sup> Sors: Bank of Greece, imkejjejl fil-livell individwali.

iddikjarat u minn implimentazzjoni kif suppost tal-aġġornamenti tal-paga minima. Apparti minn hekk, il-gvern lesta riforma tas-settur tal-enerġija u adotta leġiżlazzjoni dwar il-liċenzjar tal-investimenti biex jissimplifika l-proċeduri rilevanti. L-awtoritajiet introduċew ukoll kriterji ambjentali armonizzati mal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-valutazzjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi u żiedu t-trasparenza tal-qafas tal-ispezzjonijiet għas-superviżjoni tal-attivitàjiet ekonomiċi u s-swieq tal-prodotti. Dawn kollha huma mistennija li jtaffu materjalment il-piż fuq is-settur industrijali, jappoġġaw l-esportazzjonijiet u l-investimenti privati, u t-tkabbir tal-produttività fil-futur qrib. L-awtoritajiet għalqu wkoll b'suċċess għadd ta' tranżazzjonijiet ta' privatizzazzjoni fost l-aktar importanti u baqgħu jtejbu l-governanza tal-intrapriżi tal-istat fuq bażi kontinwa. L-effiċjenza tas-settur pubbliku hija mistennija tiġi appoġġata ulterjorment permezz ta' riformi li jżidu l-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont tal-maniġment superjuri fl-amministrazzjoni pubblika u l-eżerċizzju kontinwu tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi. Għad hemm għadd ta' impenji speċifiċi pendenti u l-awtoritajiet qegħdin ikomplu jagħmlu progress biex ilestu l-implimentazzjoni tagħhom<sup>(1)</sup>. Ir-riformi li twettqu fl-ambitu tas-sorveljanza msaħħa ġew ikkumplimentati minn riformi strutturali usa', inklużi fir-rigward tal-qafas tal-akkwist pubbliku, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali, l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-investimenti pubbliċi jew riformi li jtejbu l-koordinazzjoni fil-livell tal-gvern ċentrali.

- (12) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-istabbiliment tas-sorveljanza msaħħa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament 472/2013 tjebu b'mod konsiderevoli iżda għadhom preżenti. B'mod partikolari, l-istabbiltà finanzjarja tal-Greċja ssaħħet, filwaqt li għad hemm riskji negattivi. Fl-istess waqt, ir-riskji ta' effetti konsegwenzjali fuq Stati Membri oħra taż-żona tal-euro naqsu ħafna.
- (13) Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Greċja tlesti l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'anness tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-22 ta' Ġunju 2018 biex jiġu indirizzati s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet u jiġi sostnut l-irkupru ekonomiku robust u sostenibbli.
- (14) Sabiex jiġu indirizzati r-riskji residwi u jiġi mmonitorjat l-issodisfar tal-impenji mmirati apposta għalihom, jidher li huwa meħtieġ u xieraq li s-sorveljanza msaħħa tal-Greċja tiġi estiża skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013.
- (15) Il-Greċja ngħatat l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, permezz ta' ittra mibgħuta fil-21 ta' Diċembru 2021. Fit-tweġiba tagħha tal-10 ta' Jannar 2022, il-Greċja fil-biċċa l-kbira qablet mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-isfidi ekonomiċi li qiegħda taffaċċja, li hija l-baży għall-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa.
- (16) Il-Greċja se tkompli tibbenefika minn appoġġ tekniku pprovdut fil-qafas tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li b'mod partikolari se jappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (17) Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tikkollabora mill-qrib mal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu, fl-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-perjodu ta' sorveljanza msaħħa tal-Greċja skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 attivat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1192 għandu jiġi estiż għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, li jibda fil-21 ta' Frar 2022.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

<sup>(1)</sup> Ara, pereż. il-Kummissjoni Ewropea: Rapport dwar is-Sorveljanza Msaħħa — il-Greċja, Novembru 2021, COM(2021) 916, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjaha SWD(2021) 155.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Paolo GENTILONI  
*Membri tal-Kummissjoni*

---



**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/217****tal-15 ta' Frar 2022****dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 (ATALANTA/3/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (il-“Kmandant tal-Forza tal-UE”).
- (2) Fl-10 ta' Jannar 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 <sup>(2)</sup> li taħtar lill-Komodor João Paulo SILVA PEREIRA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għal Atalanta rakkomanda l-ħatra tal-Kaptan (Forza Navali) Fabrizio BONDI bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE mis-17 ta' Marzu 2022. L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-Kaptan (Forza Navali) Fabrizio BONDI ser jiġi promoss għal Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fis-17 ta' Jannar 2022, il-Kumitat Militari tal-UE qabel ma' dik ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 titħassar.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Fabrizio BONDI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) mis-17 ta' Marzu 2022.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/41 hija b'dan imħassra.

<sup>(1)</sup> ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/41 tal-10 ta' Jannar 2022 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1184 (ATALANTA/1/2022) (ĠU L 9, 14.1.2022, p. 1).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2022.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2022.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/218****tas-17 ta' Frar 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK <sup>(1)</sup> dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarusjsja.
- (2) Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1031 <sup>(2)</sup>, li emendat id-Deċiżjoni 2012/642/PESK u introduċiet restrizzjonijiet settorjali speċifiċi.
- (3) Ċerti kjarifiki huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dawk ir-restrizzjonijiet settorjali speċifiċi.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2012/642/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2d, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal esportazzjonijiet, bejgħ, provvisti jew trasferimenti ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, jew il-forniment relatat ta' assistenza teknika jew finanzjarja, għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili eżistenti."

- (2) l-Artikolu 2f huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mill-Belarusjsja ta' prodotti petrolifiċi u ta' idrokarburi gassużi għandhom ikunu pprojbiti."

- (b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal xiri fil-Belarusjsja ta' prodotti petrolifiċi u ta' idrokarburi gassużi li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fil-Belarusjsja jew ta' proġetti umanitarji fil-Belarusjsja."

- (c) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal-libertà tat-tranżitu mill-Belarusjsja ta' prodotti petrolifiċi u idrokarburi gassużi li jorjginaw minn pajjiż terz."

- (3) fl-Artikolu 2h, il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) ir-Repubblika tal-Belarusjsja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1031 tal-24 ta' Ġunju 2021 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusjsja (ĠU L 224 I, 24.6.2021, p. 15).

- (b) istituzzjoni ewlenija ta' kreditu stabbilita fil-Belarusja b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika jew kontroll pubbliku sa mill-1 ta' Ġunju 2021, kif elenkata fl-Anness III;
- (c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilita barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu;
- (d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta dan l-Artikolu.”;
- (4) Fl-Artikolu 2i(l), il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:
- “(a) ir-Repubblika tal-Belarusja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;
- (b) istituzzjoni ewlenija ta' kreditu stabbilita fil-Belarusja b'aktar minn 50 % ta' sjieda pubblika jew kontroll pubbliku sa mill-1 ta' Ġunju 2021, kif elenkata fl-Anness III;
- (c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilita barra l-Unjoni li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;
- (d) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.”;
- (5) fl-Artikolu 2j, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “1. Għandu jkun ipprojbit il-provvediment ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lil:
- (a) ir-Repubblika tal-Belarusja, il-Gvern tagħha, il-korpi, il-korporazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi tagħha;
- (b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp msemmija fil-punt (a).”;
- (6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 2n

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' ebda kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħha tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

- (a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp msemmija fl-Artikoli 2h, 2i, 2j jew elenkati fl-Anness II;
- (b) kwalunkwe persuna, entità jew korp ieħor Belarussu;
- (c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt it-tmexxija tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a) jew (b).”
- (7) fl-Artikolu 3(1) u (8), fl-Artikolu 4(1) u (2), u fl-Artikolu 5(1) il-kliem, “l-Anness” huma sostitwiti b’“Anness I”;
- (8) fl-Artikolu 5(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(f) maħsuba esklużivament għal:
- (i) skopijiet umanitarji, għall-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdvu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;
- (ii) l-operat ta' titjiriet fil-qafas ta' proċeduri ta' adozzjoni internazzjonali;

(iii) l-operat ta' titjriet meħtieġa għall-attenzenza fl-aqgħat bl-oġġettiv li tinstab soluzzjoni għall-kriżi fil-Belarużsja jew biex jiġu promossi l-oġġettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi;

(iv) inżul, tluġh jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju minn trasportatur tal-ajru tal-UE, f'każ ta' emerġenza; jew”,

(9) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. “B'deroga mill-Artikolu 4(1), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 4 jkunu ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.”;

(10) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, il-kliem “l-Anness” huma sostitwiti b’“l-Anness I, l-Anness II, u l-Anness III”;

(11) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

#### “Artikolu 6a

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) jistgħu jipproċessaw id-*data* personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

- (a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tnejn u l-emendar tal-Anness I;
- (b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tnejn ta' emendi għall-Anness I.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa mill-persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni penali jew ma' miżuri ta' sigurtà li jkkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn tali proċessar ikun meħtieġ għat-tnejn tal-Anness I.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala “kontrolluri” skont it-tifsira tal-punt (8) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

#### Artikolu 7a

L-azzjonijiet ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhom joħolqu ebda tip ta' responsabbiltà fuqhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(\*) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).”;

(12) L-Anness III huwa emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' wara dik tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2022.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J.-Y. LE DRIAN

---

*ANNEX*

L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

*ANNEX III***LISTA TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU KBAR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2h U 2i**

Development Bank of the Republic of Belarus

Belarusbank

Belinvestbank (Belarusian Bank for Development and Reconstruction)

Belagoprombank

Bank Dabrabyt

---

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/219****tal-11 ta' Frar 2022**

**li tistabbilixxi regoli ta' proċedura għar-rieżami, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, tal-legalità ta' atti ta' aġenziji eżekuttivi li jagħmlu ħsara lil parti terza u li jkunu ġew riferuti lill-Kummissjoni minn kwalunkwe persuna kkonċernata direttament jew individwalment**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, il-Kummissjoni tista' tinalab tirrevedi l-legalità ta' kwalunkwe att ta' aġenzija eżekuttiva li jinguta parti terza.
- (2) Wara li tisma' l-argumenti mressqa mill-parti terza interessata u dawk tal-aġenzija eżekuttiva kkonċernata, il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni fi żmien xahrejn.
- (3) Fid-deċiżjoni finali tagħha skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, il-Kummissjoni jew tikkonferma l-att tal-aġenzija eżekuttiva jew tiddeċiedi li l-aġenzija eżekuttiva trid timmodifikah (kompletament jew parzjalment).
- (4) L-Aġenzija eżekuttiva kkonċernata għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003.
- (5) Wara l-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-implimentazzjoni tal-att inkwistjoni jew tippreskrivi miżuri interim f'każ li jkun hemm riskju li jiġu pperikolati d-drittijiet tal-parti li tkun qiegħda tistitwixxi l-istħarriġ tal-legalità.
- (6) Abbażi tal-esperjenza miksuba, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ta' proċedura għar-reviżjoni tal-legalità ta' atti ta' aġenziji eżekuttivi skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003.
- (7) Dawn ir-regoli ta' proċedura ma għandhomx japplikaw għall-proċeduri ta' reviżjoni mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, u lanqas għall-proċeduri istitwiti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament.
- (8) Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu kkomplementati mill-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi linji gwida għall-istabbiliment u l-operat ta' aġenziji eżekuttivi ffinanzjati mill-baġit tal-UE u sorsi oħra.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-regoli ta' proċedura għar-reviżjoni mill-Kummissjoni tal-legalità tal-atti tal-aġenziji eżekuttivi skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20<sup>in</sup> jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠUL 11, 16.1.2003, p. 1.



Magħmul fi Brussell, l-11 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

**Regoli ta' proċedura għar-reviżjoni, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, tal-legalità ta' atti ta' aġenzji eżekuttivi li jagħmlu ħsara lil parti terza u li jkunu ġew riferuti lill-Kummissjoni minn kwalunkwe persuna direttament jew individwalment ikkonċernata**

## Artikolu 1

**Suġġett**

(1) Dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom japplikaw għal proċedimenti istitwiti minn persuna direttament jew individwalment ikkonċernata (l-"ilmentatur") skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, li jfittxu reviżjoni tal-legalità ta' atti imsemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dawn ir-regoli ta' proċedura (il-"proċedura ta' reviżjoni tal-legalità").

(2) Dawn ir-regoli ta' proċedura ma jkoprx il-proċeduri ta' reviżjoni mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, u lanqas il-proċeduri istitwiti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament.

## Artikolu 2

**Kamp ta' applikazzjoni**

(1) Il-proċedura ta' reviżjoni tal-legalità għandha tkopri l-atti li ġejjin imwettqa minn aġenzja eżekuttiva, fil-kapaċità tagħha bħala awtorità amministrattiva:

- (a) iċ-ċaħdiet ta' applikazzjoni għal għotja;
- (b) ċaħdiet ta' offerta jew talba għal parteċipazzjoni f'offerta sottomessa fi proċedura ta' akkwist;
- (c) iċ-ċaħdiet ta' applikazzjoni sottomessa f'kompetizzjoni ta' premju;
- (d) rifjuti għall-validazzjoni ta' entità legali jew status legali speċifiku fir-Reġistru tal-Parteċipanti, kif ukoll valutazzjonijiet tal-kapaċità finanzjarja jew operattiva tal-applikanti.

(2) Il-proċedura ta' analiżi tal-legalità għandha tkun limitata għall-verifika ta' dawn li ġejjin:

- (a) żbalji legali u proċedurali, bħal żbalji fil-proċedura ta' evalwazzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti tal-att soġġett għal rieżami tal-legalità;
- (b) żbalji manifesti ta' evalwazzjoni li jinfluwenzaw ir-riżultat globali tal-att suġġett għal sħarriġ tal-legalità;
- (c) żbalji fattwali li jinfluwenzaw l-eżitu ġenerali tal-att soġġett għal rieżami tal-legalità;
- (d) użu ħażin ta' poter.

(3) Il-proċedura ta' reviżjoni tal-legalità m'għandhiex tkopri kwistjonijiet li jaqgħu fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-aġenzja eżekuttiva, bħall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-proposti, l-applikazzjonijiet jew l-offerti.

## Artikolu 3

**Servizz kompetenti**

Is-servizz kompetenti għall-proċedura ta' sħarriġ tal-legalità huwa d-Direttorat Ġenerali responsabbli biex jiddelega l-baġit ta' programm, jew parti minn programm, lill-aġenzja eżekuttiva kkonċernata.

*Artikolu 4***Konferma tar-riċevuta u r-reġistrazzjoni**

- (1) Il-wasla tat-talba għal rieżami tal-legalità għandha tiġi kkonfermata permezz ta' konferma tar-riċevuta reġistrata.
- (2) Talbiet kompluti biss għandhom jiġu rreġistrati. It-talbiet għal rieżami tal-legalità għandhom jitqiesu kompluti meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) jiġu ppreżentati bil-miktub;
  - (b) jiġu trażmessi permezz tal-mezz(i) amministrattiv(i) indikat(i) fl-att ikkontestat;
  - (c) huma jidentifikaw l-ilmentatur, l-att ikkontestat u r-raġunijiet li jiġġustifikaw ir-riżami.
- (3) It-talba għandha tinkludi massimu ta' 7 000 karattru (spazju, linja, għalf inkluż).
- (4) Jekk it-talba ma tkunx kompluta jew taqbeż in-numru massimu ta' karattri stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, is-servizz kompetenti għandu jitlob lill-ilmentatur biex jikkompletaha jew jaġġustaha fi żmien ġimagħtejn. Ir-reġistrazzjoni għandha sseħħ wara s-sottomissjoni tat-talba kompluta.
- (5) Jekk l-ilmentatur ma jlestix jew ma jaġġustax it-talba fi żmien l-iskadenza ta' ġimagħtejn, it-talba għandha titqies li ġiet irtirata u l-fajl għandu jingħalaq.

*Artikolu 5***L-ammissibilità tat-talbiet**

It-talbiet għal rieżami tal-legalità għandhom jitqiesu ammissibbli meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) ikunu ppreżentati minn persuna fiżika jew ġuridika direttament jew individwalment ikkonċernata mill-att ikkontestat;
- (b) jiġu ppreżentati fi żmien xahar mill-jum li fih l-ilmentatur isir jaf bl-att ikkontestat;
- (c) dawn jikkonċernaw atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003.

*Artikolu 6***Talbiet għal kjarifika u informazzjoni addizzjonali**

- (1) Jekk it-talba għal rieżami tal-legalità ma tkunx ċara jew jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali, is-servizz kompetenti għandu jitlob lill-ilmentatur biex jiċċara t-talba jew biex jissottometti tali informazzjoni addizzjonali fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol.
- (2) It-talbiet għal kjarifika jew għal informazzjoni addizzjonali ma għandhomx jiġġustifikaw li jitqajmu raġunijiet jew argumenti ġodda, sakemm dawn ma jkunux ibbażati fuq elementi jew evidenza ġodda li l-ilmentatur sar jaf dwarhom wara s-sottomissjoni tat-talba għal rieżami tal-legalità.

*Artikolu 7***Ilmenti paralleli**

- (1) Meta t-talba għal rieżami tal-legalità tkun ġiet ippreżentata b'mod parallel ma' talba għal proċedura ta' rieżami amministrattiv intern fi ħdan l-aġenzija eżekuttiva u ż-żewġ talbiet jikkonċernaw l-istess att tal-aġenzija eżekuttiva, il-proċedura ta' rieżami tal-legalità għandha tiġi sospiża sakemm titlestha l-proċedura ta' rieżami amministrattiv fi ħdan l-aġenzija eżekuttiva.

(2) Jekk il-proċedura ta' revizzjoni amministrattiva interna fi ħdan l-aġenzija eżekuttiva tikkonferma l-att ikkontestat, il-proċedura ta' revizzjoni tal-legalità għandha titkompla jekk min jagħmel l-ilment jikkonferma fi żmien xahar mid-data tal-konferma tal-att ikkontestat mill-aġenzija eżekuttiva li hu jew hi jżommu t-talba għal revizzjoni tal-legalità.

Meta min jagħmel l-ilment jikkonferma t-talba, il-proċedura ta' revizzjoni tal-legalità għandha tkopri kemm l-att ikkontestat inizzjalment kif ukoll l-att meħud mill-aġenzija eżekuttiva wara l-proċedura interna ta' revizzjoni amministrattiva.

Meta l-ilmentatur ma jikkonfermax it-talba, din għandha titqies irtirata u l-fajl għandu jingħalaq mingħajr avviż ulterjuri.

(3) Jekk il-proċedura ta' revizzjoni amministrattiva interna fi ħdan l-aġenzija eżekuttiva ma tikkonfermax l-att ikkontestat, il-proċedura ta' revizzjoni tal-legalità għandha titqies li ma għadx għandha skop u l-fajl għandu jingħalaq mingħajr avviż ulterjuri.

#### Artikolu 8

### Sospensjoni u miżuri interim

(1) Il-proċedura ta' revizzjoni tal-legalità għandha tissospendi l-implimentazzjoni tal-att ikkontestat biss jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi hekk.

(2) Talbiet għal miżuri interim u sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-att ikkontestat għandhom jiġu deċiżi mill-Kummissjoni b'kont meħud tan-natura tal-att ikkontestat, il-plawżibbiltà tat-talba u l-urġenza tagħha.

(3) L-implimentazzjoni tal-att ikkontestat ma għandhiex tiġi sospiża jew ma għandhomx jiġu preskritti miżuri interim jekk id-drittijiet tal-ilmentatur huma jew jistgħu jiġu ppreservati sal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' revizzjoni tal-legalità.

(4) Jekk l-implimentazzjoni tal-att ikkontestat tiġi sospiża jew jiġu preskritti miżuri interim, l-aġenzija eżekuttiva għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma ma' dawn id-deċiżjonijiet.

#### Artikolu 9

### Osservazzjonijiet tal-aġenzija eżekuttiva

(1) It-talba għal revizzjoni tal-legalità għandha tintbagħat lill-aġenzija eżekuttiva wara r-reġistrazzjoni tagħha. L-aġenzija eżekuttiva għandha tiġi mistiedna tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol.

(2) Meta tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali, l-aġenzija eżekuttiva għandha tiġi mistiedna tipprovdi kjarifiki dwar l-osservazzjonijiet tagħha.

#### Artikolu 10

### Skadenza għad-Deċiżjoni

(1) Id-Deċiżjoni dwar ir-rieżami tal-legalità tal-Kummissjoni għandha tiġi nnotifikata lill-ilmentatur u lill-aġenzija eżekuttiva fi żmien xahrejn mill-jum wara d-data tar-reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' lmenti paralleli kif stabbilit fl-Artikolu 7, mit-tmiem tas-sospensjoni tat-talba għal rieżami tal-legalità.

(2) Deċiżjoni notifikata wara l-iskadenza tat-terminu perentorju ta' xahrejn għandha tissostitwixxi kwalunkwe rifjut impliċitu kif imsemmi fl-Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 58/2003.

*Artikolu 11***Valutazzjoni u proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet**

- (1) Trattament ġust, trasparenti u imparzjali għandu jiġi żgurat f'kull ħin, b'rispett dovut għall-informazzjoni kunfidenzjali. L-iskambji kollha għandhom isiru bil-miktub u jkunu limitati għall-kjarifika tas-sottomissjonijiet. M'għandux ikun hemm seduti ta' smigħ.
- (2) Id-Deċiżjoni dwar ir-rieżami tal-legalità għandha tiġi adottata skont l-Artikoli 12 sa 16 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>. Id-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni b'interess leġittimu fid-deċiżjoni għandhom jiġu kkonsultati permezz ta' konsultazzjoni formali bejn is-servizzi skont l-Artikolu 23 ta' dawk ir-Regoli ta' Proċedura.
- (3) Il-legalità tal-att ikkontestat għandha tiġi evalwata fuq il-bażi tal-argumenti taż-żewġ partijiet.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tista':
- (a) tiċħad it-talba għal sħarriġ tal-legalità bħala inammissibbli;
  - (b) tiċħad it-talba għal sħarriġ tal-legalità bħala infondata minħabba li ma hemmx elementi li jindikaw li l-att ikkontestat kien illegali;
  - (c) jiċħad it-talba għal rieżami tal-legalità peress li l-iżball(żbalji) li nstabu ma affettwawx l-eżitu finali tad-deċiżjoni meħuda mill-aġenzija eżekuttiva;
  - (d) tikkunsidra t-talba għal rieżami tal-legalità bħala raġunata sewwa.
- (5) Fil-każijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c), l-att ikkontestat għandu jiġi kkonfermat. Fil-każ imsemmi fil-punt (d), l-att ikkontestat għandu jiġi annullat.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tkopri kwistjonijiet li jikkonċernaw il-legalità tal-att ikkontestat mhux imqajma mill-ilmentatur u identifikati biss mill-Kummissjoni matul il-proċedura ta' reviżjoni tal-legalità.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tinkludi struzzjonijiet speċifiċi lill-aġenzija eżekuttiva dwar il-miżuri meħtieġa għas-segwitu.

*Artikolu 12***Notifika u segwitu**

- (1) Il-Kummissjoni għandha tinforma lil min jagħmel l-ilment u lill-aġenzija eżekuttiva dwar id-deċiżjoni tar-reviżjoni tal-legalità.
- (2) Jekk il-Kummissjoni tannulla l-att ikkontestat, l-aġenzija eżekuttiva għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa minnufih biex tikkonforma mad-deċiżjoni. L-Aġenzija eżekuttiva għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni lis-servizz kompetenti.
- (3) L-implimentazzjoni għandha tiġi mmonitorjata u, jekk meħtieġ, sorveljata mis-servizz kompetenti skont id-deċiżjoni li tiddelega s-setgħat lill-aġenzija.

---

<sup>(1)</sup> C(2000) 3614 (ĠUL 308, 8.12.2000, p. 26).

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/220****tal-15 ta' Frar 2022**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, dwar l-adozzjoni ta' Arranġament ta' Ħidma rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-aċċidenti u l-inċidenti fl-avjazzjoni ċivili, u li taħtar president tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/243/UE tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, u li jistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali relatati miegħu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa ġie ffirmat f'Montreal u fi Brussell fit-28 ta' April u l-4 ta' Mejju 2011. Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni ġie applikat provviżorjament mid-data ta' dan l-iffirmar tal-aħħar, sakemm jidħol fis-seħħ.
- (2) Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/243/UE. Il-Memorandum ta' Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2012.
- (3) Skont l-Artikolu 3.3 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni, il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw il-mekkaniżmi u l-proċeduri miftiehma b'mod reċiproku meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-attivitatiet ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-Annessi tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni.
- (4) L-Artikolu 7.1 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni jistabbilixxi Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti ta' kull Parti. Skont l-Artikolu 7.3(c) il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli għall-adozzjoni ta' Annessi għall-Memorandum ta' Kooperazzjoni u arranġamenti ta' ħidma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Annessi.
- (5) Abbażi ta' Arranġament ta' Ħidma tal-21 ta' Settembru 2011, il-Partijiet ikkooperaw b'suċċess fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili. Fid-dawl tal-iżviluppi f'dak il-qasam, u b'mod partikolari li l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ħadet f'idejha l-funzjonijiet rilevanti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, huwa meqjus neċessarju li l-Arranġament ta' Ħidma tal-21 ta' Settembru 2011 jiġi sostitwit b'Arranġament ta' Ħidma ġdid bejn il-Partijiet rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili. L-Arranġament ta' Ħidma l-ġdid huwa previst li jiġi adottat fl-aqgħa li jmiss tal-Kumitat Konġunt.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill u b'kont sħiħ meħud tal-opinjoni tiegħu, għandha tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' deċiżjonijiet rigward arranġamenti ta' ħidma.
- (7) Il-Kumitat Speċjali ġie kkonsultat fil-25 ta' Jannar 2022.
- (8) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar l-adozzjoni ta' Arranġament ta' Ħidma rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili għandha għalhekk tiġi adottata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, 8.5.2012, p. 16.

- (9) Skont l-Artikolu 7.1 tal-Memorandum ta' Kooperazzjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant wieħed ta' kull Parti. Skont l-Artikolu 7.4 il-Kumitat Konġunt għandu jopera abbażi ta' ftehim bejn il-president ta' kull Parti.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li jinħatar President tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, dwar l-adozzjoni ta' Arranġament ta' Ħidma rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili, għandha tkun ibbażata fuq l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport jinħatar bħala president tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa. Il-President jista' jaħtar sostitut f'każijiet individwali.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Adina-Ioana VĂLEAN  
*Membri tal-Kummissjoni*

\_\_\_\_\_

## ANNEX

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE/ICAO ta' XX 202X dwar l-adozzjoni ta' Arranġament ta' Ħidma bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE/ICAO,

Wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-ICAO li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, iffirmit f'Montréal u fi Brussell fit-28 ta' April u l-4 ta' Mejju 2011 (MoC), u b'mod partikolari l-Artikoli 3.3 u 7.3 (c) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Anness dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-MoC, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Pjan Globali għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (GASP) tal-ICAO (Dok 10004 tal-ICAO) u l-inizjattivi globali tas-sikurezza (GSI);

Wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Globali (GASR, 2006) rigward l-implimentazzjoni tal-kondiviżjoni internazzjonali ta' *data*/sistema globali ta' rappurtar ta' *data*;

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 <sup>(1)</sup>;

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE <sup>(2)</sup>;

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 <sup>(3)</sup>,

Filwaqt li *jikkunsidra* li d-definizzjonijiet tat-tassonomija tar-Rappurtar tad-*Data* tal-Inċidenti/Inċidenti (ADREP) tal-ICAO huma primarjament ibbażati fuq l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) tal-ICAO, il-manwali u l-materjal ta' gwida;

Filwaqt li *jikkunsidra* li hemm hteġġa fost l-utenti tal-ADREP u ċ-Ċentru Ewropew ta' Koordinament għas-Sistemi ta' Notifika tal-Aċċidenti u tal-Inċidenti tal-Avjazzjoni (ECCAIRS) fl-Istati Membri tal-ICAO biex ikompli jutilizzaw l-informazzjoni miksuba mill-ġbir, l-analiżi u l-kondiviżjoni tad-data biex jidentifikaw theddid għas-sikurezza u fatturi li jikkontribwixxu fuq skala globali;

Filwaqt li *jikkunsidra* li s-sikurezza tan-navigazzjoni bl-ajru u l-progress fl-armonizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali jiddependu fuq standards rikonoxxuti bħas-sistema ADREP u jirrikonoxxu l-importanza tal-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tas-sikurezza u s-sistemi ta' bażi tad-data;

Filwaqt li *jikkunsidra* l-obbligu fi ħdan l-Unjoni Ewropea tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni tar-Repożitorju Ċentrali Ewropew li jaħżen ir-rapporti kollha dwar l-okkorrenzi miġbura fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-kompitu tagħha li tiżviluppa u żżomm verżjoni ġdida tas-softwer tal-ECCAIRS imsejjaħ ECCAIRS 2;

<sup>(1)</sup> ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18.

<sup>(2)</sup> ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35.

<sup>(3)</sup> ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.



Filwaqt li *jikkunsidra* li l-EASA ħadet f'idejha l-funzjonijiet kollha li d-Direttorat Ġenerali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (IRC) tal-Kummissjoni Ewropea attwalment iwettaq fir-rigward tas-sett tas-software tal-ECCAIRS mill-1 ta' Jannar 2021;

Filwaqt li *jikkunsidra* li huwa għalhekk meħtieġ li jiġi sostitwit l-Arranġament ta' Ħidma li sar f'Montreal fil-21 ta' Settembru 2011 rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Arranġament ta' Ħidma anness ma' din id-Deċiżjoni huwa b'dan adottat, u jissostitwixxi l-Arranġament ta' Ħidma magħmul f'Montreal fil-21 ta' Settembru 2011 dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-inċidenti u l-aċċidenti fl-avjazzjoni ċivili.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Għall-Kumitat Konġunt UE-ICAO:  
Il-Presidenti [firem biss]

